MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 205/2009

**Carmel Mifsud**

**vs**

**Anthony Bezzina et**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fis-17 ta' Marzu tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€2,875) rapprezentanti ammont ekwivalenti ta' flus li kienu gew mislufa in forza ta' skrittura privata datata 29 ta' Settembru tas-sena 2006 u dana kif jidher mid-dokument anness ma' dan l-avviz immarkat Dok CM1 a fol 2 tal-process, liema skrittura kienet giet redatta min-Nutar Antoine Agius u dana stante illi l-konvenuti naqsu li jhallsu l-imsemmija somma fi zmien xahrejn kif stipulat fl-

imsemmija skrittura. Bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-istess skrittura u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.
Ra illi ghalkemm il-konvenuti kienu legalment notifikati, huma baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Ra illi l-konvenuti ghalkemm imsejhin biex jidhru ghas-seduta tal-24 ta' Settembru, 2009, huma baqghu ma dehrux u wisq anqas ikkontestaw it-talba attrici. Ra wkoll illi l-konvenuti naqsu li jidhru u wisq anqas ikkontestaw ukoll it-talba attrici ghas-seduta tal-lum 25 ta' Jannar, 2010, fejn gew imsejha sabiex jidhru u jirrispondu ghal ammont ta' mistoqsijiet maghmula lilhom in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuhom is-somma mitluba ta' elfejn, tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€2,875). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-29 ta' Settembru, 2006, u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------